**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 7/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Ahmed El Fadali Enan**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 7 ta'l-2018 kontra Ahmed El Fadali Enan detentur tal-karta ta'l-identita Maltija bin-numru 18749(A) akkużat talli:

**Fl-Ewwel Kap**: fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**Fit-Tieni Kap**: madwar ħames xhur qabel it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżolużżjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**Fit-Tielet Kap**: fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fissnin ta'qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Ahmed El Fadali Enan ppreżentata fid-19 ta' Ġunju 2018 fejn eċċepixxa:

"1. Illi in linea preliminari, qed tigi eccepita' in-nullita' tal-Att tal-Akkuza stante li gran parte minn narrattiva esposta fl-Ewwel Kap tal-Akkuza hija kongettura u bbazata fuq detto del detto. Jinghad fl-Ewwel Kap ta' Akkuza li l-akkuzat kien ftiehem ma persuni barra minn kif ukoll gewwa Malta sabiex hu jakkwista d-droga tar-raza tal-kannabis mill-Afrika ta' Fuq u sussegwentement jikkonsenja u jitraffika l-istess lill-persuni ohra f'Malta. Illi ma ngabet ebda prova konkreta dwar din l-allegazzjoni ghajr hearsay evidence moghtija minn persuni li l-kredibilita' taghhom hija assai dubjuza.
2. Illi in linea preliminari, wkoll qed tigi eccepita' n-nullita' tal-Att ta' Akkuza stante li tnejn mit-tlett Kapijiet ta' Akkuza, ossia l-maggoranza tal-Att tal-Akkuza, huma arginati fuq provi inammissibbli, ossia dikjarazzjonijiet maghmula mill-akkuzat Ahmed El Fadali Enan fi stqarrija fejn fiha huwa ma

nghatax il-fakolta' tal-assistenza legali. Illi skont l-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Mario Borg vs Malta (Kaz nru. 37537/13, deciz fit-12 ta' Jannar, 2016) gie kristallizzat il-punt li fejn persuna suspettata ma kienitx inghatat assistenza legali ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tippreskludi tali dritt, kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija leziva tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq meta tqis il-konsegwenzi li tali dikjarazzjoni ggib maghha. Ghaldaqstant l-Att tal-Akkuza kif redatt huwa palezement leziv tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzat Ahmed El Fadali Enan u ghandu jigi ddikjarat null;

3. Illi in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qieghed jintalab l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Ahmed El Fadali Enan u dan abbazi tal-fatt li tali stqarrija hija leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-akkuzat kif deciz fis-sentenza sopra indikata ta' Mario Borg vs Malta (Kaz Nru., 37537/13, deciz fit-12 ta' Jannar, 2016), liema lezjoni hija ferm aktar amplifikata bil-fatt illi l-Avukat Generali bbaza zewg kapijiet ta' Akkuza fuq tali dikjarazzjonijiet;

4. Illi qieghed jintalab ukoll l-isfilz tas-segwenti dokumenti: (i) l-Istqarrijiet rilaxxjati minn Adrian Farrugia, ossia dawk immarkati bhala Dok DT u Dok DT1; (ii) tax-xhieda moghitja mill-istess Adrian Farrugia nhar id-29 ta' Jannar, 2018 (a fol 62 et seq) u (iii) tax-xhieda moghtija minn Robert Farrugia nhar l-4 ta' Marzu, 2010 (a fol 104 et seq) stante li dawn huma inammissibbli bhala prova peress li huma interament ibbazati fuq detto del detto, ossia hearsay evidence u ma jistghux jingiebu bi prova kontra l-akkuzat;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, qieghed jintalab ukoll l-isfilz tal-istqarrija guramentata ta' Adrian Farrugia stante li r-rikors mressaq mill-Pulizija ezekuttiva ghal dan il-ghan, cioe' fejn fih il-Qorti tal-Magistrati intalbet sabiex tisma' persuna bil-gurament a tenur tal-Artikolu 24(A)(12)(13) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta sar b'referenza ghal-terza persuna u mhux ghal-Adrian Farrugia u dan kif jirrizulta ampjament mir-rikors li jinsab a fol 4 tal-atti processwali.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost qieghed jintalab l-isfilz (i) tax-xhieda moghtija mill-ispettur (illum Assistant Kummissarju) Dennis Theuma a fol 12 et seq; (ii) tal-istqarrija rilaxxat mill-akkuzat Ahmed El Fadali Enan u (iii) tax-xhieda moghtija minn Zakarija Ahmed u dan abbazi tal-inamissibilita' taghhom stante li fihom ssir referenza esplicita' ghall-fatt li l-akkuzat kien diga' soggett ghall-proceduri penali quddiem dawn il-Qrati u li kien qieghed jirrisjedi ghal xi perjodu gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, liema referenza hija projbita li ssir skont l-Artikolu 459A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qieghed jirriserva l-posizzjoni tieghu dwar ix-xhieda migbura bil-procedura tal-Ittri Rogatorji u dan minhabba li l-istess akkuzat Ahmed El Fadali Enan ma nghatax l-opportunita' li jezamina r-rizultanzi tax-xhieda moghtija in kontro-ezami peress li l-Avukat Generali qabad u hareg l-Att tal-Akkuza minghajr ma saret dikjarazzjoni da parti tal-istess akkuzat dwar dawn il-provi hekk migbura.

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-03 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha ċaħħdet l-ewwel (1), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) eċċezzjonijiet preliminari, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-seba' (7) eċċezzjoni preliminari u laqgħet limitatament it-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjonijiet preliminari billi filwaqt li bl-ebda mod ma ddikjarat leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq u lanqas ma laqgħet l-parti tat-tieni eccezzjoni dwar in-nullita' tal-Att ta' Akkuza, ddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) immarkata bhala DT u li tinsab a fol 19 et sequitur tal-atti tal-kumpilazzjoni bħala nammissibli u għalhekk ordnat l-isfilz tagħha u konsegwentement kwalunkwe referenza fl-atti għal kontenut ta' tali stqarrija jew għal dak li l-akkużat qal lil Pulizija waqt l-investigazzjoni inkluż għalhekk kwalunkwe referenza li ssir fin-narrattivi tal-Kapi tal-Att ta' Akkuzi għal kwalunkwe ħaġa li l-akkużat kien stqarr fl-istadju tal-investigazzjoni u matul l-istqarrija imsemmija hija inammissibli u għalhekk ordnat lil Avukat Generali sabiex jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Akkuza in ottemporenza ta' dak kontenut f'din is-sentenza.

**4**. Rat in-nota ta'l-Avukat Ġenerali tad-09 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha rtira it-Tieni u it-Tielet Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuża.

**5**. Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ġiet ordnata l-korrezzjoni fl-Att ta'l-Akkuża.

**6**. Rat ukoll in-notifika tal-Att ta'l-Akkuża kif korretta lill-appellat Ahmed El Fadali Enan.

**7.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fl-10 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

i. **tikkonferma** s-sentenza appellata fejn ċaħħdet l-ewwel, ir-raba', il-ħames u is-sitt eċċezzjonijiet preliminari; u

ii. **tikkonferma** s-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-seba' eċċezzjoni preliminari; u

iii. **tikkonferma** s-sentenza appellata fejn għar-rigward it-tieni u it-tielet eċċezzjonijiet preliminari ddikjarat li bl-ebda mod ma kien hemm leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq u fejn lanqas ma laqgħet il-parti tat-tieni eċċezzjoni dwar in-nullita' tal-Att ta'l-Akkuża; u

iv. tgħaddi sabiex **tħassar u tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza fejn fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni ddikjarat l-istqarrija tal-akkużat datata 13 ta' Jannar 2010 bħala inammissibbli u għalhekk ordnat l-isfilz tagħha u fejn konsegwentement iddikjarat li kwalunkwe referenza fl-atti għal kontenut ta' tali stqarrija jew għal dak li l-akkużat qal lil pulizija waqt l-investigazzjoni hija nammissibbli, u minflok tgħaddi sabiex tiddikjara l-istqarrija tal-akkużat rilaxxata minnu nhar it-13 ta' Jannar 2010 bħala ammissibbli u għalhekk m'għandhiex tiġi sfilzata bil-konsegwenza li kwalunkwe referenza fl-atti għal kontenut ta' tali stqarrija jew għal dak li l-akkużat qal lil Pulizija waqt l-investigazzjoni hija ammissibbli, u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**8.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**9.** Semgħet trattazzjoni mill-Avukat Ġenerali billi l-appellat Ahmed El Fadali Enan debitament notifikat għas-smigħ ta'l-appell baqa' ma deherx, kif lanqas deher id-difensur tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

**10**. Illi fl-appell ta'l-Avukat Ġenerali, l-Qorti qed tiġi mitluba tqies il-valur probatorju ta' stqarrija rilaxxata mill-persuna akkużata u dan għal motiv uniku illi din ma kellhiex dritt tikkonsulta ma' avukat la qabel u lanqas waqt l-interrogatorju sabiex toffrilha dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment jistgħu isiru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontriha. Illi huwa fatt inkontestat illi l-akkużat Ahmed El Fadali Enan irrilaxxa

stqarrija lill-pulizija investigattiva nhar il-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010). F'dak iż-żmien is-suspettat, għalkemm mogħti it-tiswija skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, u allura qabel ma ġew fis-seħħ l-emendi maħluqa bl-Att III tal-2002, madanakollu ma kellux il-jedd jkun assistit minn avukat la qabel it-teħid tal-istqarrija u lanqas matulha.

**11**. Illi l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' dawk l-eċċezzjonijiet mressqa 'il quddiem mill-appellat marbuta mal-valur probatorju ta' l-istqarrija u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li hu seta' għamel lill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu iressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda nammissibbli għal motiv illi meta saret din l-istqarrija jew dawn id-dikjarazzjonijiet, li jistgħu jkunu nkriminatorja, huwa ma kellux konsulent legali preżenti miegħu biex jassistieh. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali, wara li għamlet espożizzjoni erudita u dettaljata tal-iżvilupp legali u ġurisprudenzjali in materja:

> **"Din il-Qorti tqis għalhekk li filwaqt li ma hija bl-ebda mod tikkunsidra t-teħid tal-istqarrija mingħajr preżenza tal-Avukat bħala leżiva tad-dritt ta' smiegħ xieraq, tqis iżda illi ġaladarba l-proċeduri għadhom ma ntemmux anzi għadu ser jinstema' l-ġuri, u stante li l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) jista' jkollha impatt fuq il-proċess kriminali, ma jkunx għaqli jekk l-istqarrija tal-akkużat li ttiehdet mingħajr ma kellu d-dritt għall-preżenza ta' Avukat u mingħajr ma l-akkużat ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat qabel it-teħid tal-istqarrija, tinżamm fil-proċess u cioe' li jkollha valur probatorju b'riskju li l-proċess ikollu jitħassar wara li jintemm jew li aktar il-quddiem l-istqarrija tiġi sfilzata wara li l-provi jkunu magħluqa bi preġudizzju għal partijiet kollha. Dan qiegħed jingħad in vista ta' nuqqas ta' uniformita' f'dak li jikkostitwixxi leżjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq. B'żieda ma dan, din il-Qorti tikkunsidra li ma tressqet l-ebda raġuni li abbażi tagħha f'dan il-każ partikolari kienet meħtieġa r-restrizzjoni għal aċċess għal Avukat matul l-investigazzjoni u ċioe' *'at pre-trial stage'* ghajr li din il-Qorti tifhem li dan id-dritt kien għadu ma daħalx fis-seħħ.**
>
> **Għalhekk din il-Qorti filwaqt li ma hija bl-ebda mod tiddikjara li kien hemm leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq tal-akkużat, qiegħda tilqa' t-tielet (3) eċċezzjoni u tordna l-isfilz tal-istqarrija tal-akkużat rilaxxata fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) immarkata bħala DT a fol 19 et sequitur."**

**12**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dan il-pronunżjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, u li tagħmel referenza għalih l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, jindika bil-kontra u ċioe' illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu jsir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrija ġiet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u kwindi ma jistax jitqies li m'għandhiex valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

**13.** Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta'prova fil-proċess penali, illi hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija nammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi l-appellat ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jistrieħ unikament fuq il-premessi fuq indikati u jinsisti li qiegħed ifittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza purament ta' natura kostituzzjonali.

**14**. Dan għaliex huwa ndubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa *'pre-trial'*, miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt

għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, kif tajjeb jindika l-Avukat Ġenerali fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[1].

**15**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fil-bidu tas-sena 2010, huwa ma kellux il-jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali la qabel u lanqas matul it-teħid tal-istqarrija. Illi kien seħħ bdil għal Kodiċi Kriminali permezz ta'l-Att III tal-2002 fejn il-leġislatur ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Madanakollu dan il-bdil ma ġiex fis-seħħ ħlief snin wara u ċioe' fl-10 ta' Frar 2010 u għalhekk xahar wara li l-akkużat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu. Imbagħad finalment b' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, is-suspettat ingħata il-jedd ikun assistit minn avukat filwaqt tal-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija.

**16**. Illi kien hemm żmien, u ċioe' wara l-prounzjament tad-deċiżjoni *Borg vs Malta*[2] mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u deċiżjonijiet oħra in materja, (ara *Salduz vs Turkey*[3], *Dayanan vs Turkey*[4]) fejn ittieħdet il-linja illi f'dawk il-każijiet fejn il-

---

[1]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

[2]37537/13 12/01/2016

[3] 36391/02, 27 November 2008

[4]7377/03 deciza 13/10/2009, ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015

liġi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li tagħti dan id-dritt lil persuna arrestata, allura awtomatikament kienet qed tiġi riskontrata din il-leżjoni fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi għalhekk ġiet żviluppata mill-qrati tagħna regola esklużjonarja ta' ligi proċedurali penali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għalkemm dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti.

**17**. Illi dan il-ħsieb madanakollu inbidel wara deċiżjoni mogħtija mill-Sezzjonijiet Maghquda tal-Qorti Ewropea fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018 li reġgħet qallbet il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn, u dan għalkemm sabet li f'dan il-każ kienet seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi f'din id-deċiżjoni il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jsir l-ewwel test u ċioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud. Dawn il-kriterji jew linji gwida baqgħu jiġu segwiti fid-deċiżjonijiet li segwew in materja, inkluż allura il-każ li laqgħat lil pajjiżna *Farrugia vs Malta*, deċiżjonijiet li l-Ewwel Qorti tagħmel referenza ampja għalihom fis-sentenza appellata u li l-Avukat Ġenerali jinvoka sabiex isaħħaħ l-lanjanza tiegħu.

> **"441. When examining the proceedings as a whole, the following non-exhaustive list of factors should, where appropriate, be taken into account (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], § 274; Beuze v. Belgium [GC], § 150; Sitnevskiy and Chaykovskiy v. Ukraine, §§ 78-80):**
> **▪ Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity;**
> **▪ The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**
> **▪ Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**

**▪ The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**
**▪ Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**
**▪ In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**
**▪ The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**
**▪ Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions;**
**▪ The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue;**
**▪ Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.**[5]

**18**. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna u dan għaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Dan għaliex, kif mistqarr f'dan il-pronunzjament, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. Illi saħansitra l-Ewwel Qorti stess dan stqarritu fid-deċiżjoni impunjata u ċioe' illi ma kienet irriskontrat ebda leżjoni tad-dritt tal-akkużat għal smigħ xieraq u kien biss sabiex ma jinkorriex ir-riskju illi l-proċess ġudizzjarju jitħassar wara li jkun intemm, illi kienet qed tordna li din l-istqarrija titwarrab mill-proċess, u mhux għaliex din ma kellhiex valur probatorju. Jingħad biss illi l-appellat għandu dritt għal reviżjoni mill-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali[6] fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu, sabiex b'hekk din il-biza' li qed tirriavviza l-Ewwel Qorti mhijiex ser tiġi riskontrata ġaladarba ser tkun din il-Qorti fis-setgħa mogħtija lilha bil-liġi li finalment ser tqies il-proċess fl-intier tiegħu sabiex tasal għal ġudizzju finali fil-konfront ta'l-appellat.

[5] https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf
[6] Artikoli 500 et seq. tal-Kodiċi Kriminali

F'każ konsimili ġie deċiż mill-Qorti Ewropea illi ma kienet seħħet ebda leżjoni taħt l-artikolu 6:

> **"In Doyle v. Ireland the applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public-interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.**
>
> **429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136).[7]"**

**19**. Dan magħdud, allura l-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti, ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwiti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ u dan fid-dawl tal-linji gwida ġodda tramandati mill-Qorti Ewropea. Dan għaliex skont

[7] *Ibid*

l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.

**20**. Illi din l-Qorti għal dan il-għan eżaminat l-atti kumpilatorji, u dan mingħajr ma hija ser tesprimi ruħha fil-mertu, minn fejn jirrizulta illi l-appellat allegatament kien involuta f'assoċjazzjoni marbuta mal-importazzjoni tar-raza tal-*cannabis* mill-Afrika. Illi l-pulizija wasslu għal persuna tal-appellat wara li ċertu Adrian Farrugia kien kellimhom fejn stqarr illi ħuh Gaetano Farrugia kien inqabad ġewwa it-Tuneżija b'ammont ta' 50 kilo raża tal-*cannabis* u ġie arrestat. Ħuh talbu jiltaqa' mal-appellat għaliex stqarr miegħu li kien il-persuna li kien bagħatu it-Tuneżija jixtri d-droga. Adrian Farrugia jistqarr mal-pulizija illi meta iltaqa' ma'l-appellat, dan kien ammetta miegħu li kien jimporta d-droga mill-Afrika ta' Fuq u li kien jinnegozja fir-raza tal-*cannabis* u dan wara li kien jibgħat persuna sabiex jagħżel l-aħjar kampjuni. Id-droga kienet titlaq mill-Marokk, tgħaddi minn ġol-Alġerija u tispiċċa it-Tuneżija fejn hemmhekk kien jibgħat persuna biex jiġborha. Din id-darba huwa kien bagħat lil ħu Adrian, Gaetano Farrugia sabiex jiġbor id-droga w iġibha lejn Malta. Wara din l-informazzjoni, l-appellat jiġi arrestat u mill-pussess tiegħu jiġu elevati *notebook*, *sim card*, telefon ċellulari u riċevuti tal-*Western Union* rigward trasferimenti ta' flejjes lil diversi persuni ġewwa l-Italja, l-Eġittu u t-Tuneżija. Interrogat mill-uffiċjal investigattiv wara l-arrest tiegħu, l-appellat jiċħad l-involviment tiegħu f'din il-konġura kriminali w ukoll jiċħad dak kollu li Adrian Farrugia kien stqarr mal-pulizija. Fil-fatt jisħaq illi huwa la jaf lil Adrian Farrugia u lanqas lil ħuh Gaetano. L-appellat ammetta biss illi ġieli kkonsma id-droga, madanakollu huwa ma ġiex mixli bil-pussess sempliċi tad-droga u kwindi din l-ammissjoni fl-istqarrija tiegħu ma hijiex inkriminatorja. L-appellat għażel li ma jiffirmax l-istqarrija minnu rilaxxata. Illi fl-atti kumpilatorji hemm esibiti l-ittri rogatorji kontenenti x-xiehda ta' Gaetano Farrugia, fost oħrajn, u dokumenti oħra rigward il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra Gaetano Farrugia, ċertu Al Ayfa Younsi u Yousef

Boubakr ġewwa it-Tuneżija b'rabta ma' dan il-każ. Gaetano Farrugia fix-xiehda tiegħu ukoll jimplika lill-appellat fil-kummissjoni tar-reat ta' importazzjoni ta' droga ġewwa Malta.

**21**. Illi mfassal dan l-*iter* proċesswali, allura, huwa evidenti illi l-appellat ma għamel ebda dikjarazzjoni nkriminatorja lil pulizija u dan dejjem fir-rigward ta'l-uniku kap ta'l-Att ta'l-Akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu marbuta mar-reat ta'l-assoċjazzjoni bil-għan li tiġi importata d-droga ġewwa pajjiżna. Illi abbinat ma' dan, jirrizulta illi din l-istqarrija ma hijiex l-uniku prova li ser iġġib il-prosekuzzjoni fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**22**. Illi mfassal dan il-kwadru li jemerġi mill-atti kkumpilati finalment:

> **"Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' *Beuze* għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx[8].**

Dan ghaliex:

> **... dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9)[9].**

**23**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-ġuri, ma jirriżultax illi f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova

---

[8] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020

[9] *Ibid*

għandha tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba. Illi fuq kollox billi fl-atti jirrizulta illi hemm provi oħra li jistgħu jkunu determinati għall-eżitu tal-każ immaterjalment minn dak li stqarr l-appellat fl-istqarrija, tqies illi għandu jsir eżami tal-proċess kriminali fl-intier tiegħu qabel ma jiġi stabbilit jekk l-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija kellhiex xi piż fid-determinazzjoni tal-ħtija o meno tiegħu għall-uniku akkuża lilu addebitata, sabiex b'hekk jinsorġi ir-riskju tal-leżjoni surriferita.

**24. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat u kull dikjarazzjoni minnu magħmula lil pulizija waqt l-investigazzjonijiet, <u>jekk jirrizulta</u> illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' d-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.**

**25. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ċaħħdet l-ewwel, ir-raba', il-ħames u is-sitt eċċezzjonijiet preliminari, tikkonfermaha fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-seba' eċċezzjoni preliminari, u fejn għar-rigward it-tieni u it-tielet eċċezzjonijiet preliminari ddikjarat li bl-ebda mod ma kien hemm leżjoni tad-dritt tas-smigħ xieraq u fejn lanqas ma laqgħet il-parti tat-tieni eċċezzjoni dwar in-nullita' tal-Att ta'l-Akkuża, izda <u>tħassar u tirrevoka</u> dik il-parti tas-sentenza fejn fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni ddikjarat l-istqarrija tal-akkużat datata 13 ta' Jannar 2010 bħala inammissibbli u għalhekk ordnat l-isfilz tagħha u fejn konsegwentement iddikjarat li kwalunkwe referenza fl-atti għal kontenut ta' tali stqarrija jew għal dak li l-akkużat qal lil pulizija waqt l-**

**investigazzjoni hija inammissibbli, u minflok tgħaddi sabiex tiddikjara l-istqarrija tal-akkużat rilaxxata minnu nhar it-13 ta' Jannar 2010 ammissibbli bħala prova u b'hekk tiċħad it-tielet eċċezzjoni fl-intier tagħha. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**